# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' April 2023**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 55/2016 JVC**

**Maria Dolores Debono mart Carmel sive Charles Debono**

**vs**

**Michael Fenech u Victor Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Dolores Debono kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Dawn il-fatti nafhom jien personalment ghaliex huma dwar proprjeta' tieghi.

2. Jiena ghandi bicca art li tinsab fiz-Zejtun, Sqaq privat go Triq l-Isqof Zahra liema art kienet giet b' wirt minghand missieri.

3. Wara li gie nieqes missieri, wara kawza twila l-Qorti, saret id-divizjoni bejnietna l-ahwa fl-2008 u skont kuntratt tan-Nutar Paul Pullicino l-art partikolari giet tappartjeni lili, peress li kienet kontinwazzjoni tal-art li hadt jien.

4. Fil-fatt, il-gvern kien ghamel progett biex jghaddi triq minn tarf tal-proprjeta' imma kien naqqas parti sostanzjali li issa l-konvenuti qed jippretendu li jokkupaw u jaghmlu zvilupp fuqha. Fil-fatt huma qed jokkupaw art bil-bini li diga' sar u li jidher li Michael Fenech behsiebu jkompli, inkluz il-ftuh ta' twieqi.

5. Tant hu hekk li ghamel applikazzjoni mal-MEPA fejn qed jippjana li li jibni u jiftah twieqi ghal fuq l-art tiegi, u diga' t-tnejn li huma ghamlu access ghall-bini taghhom, li hu fuq art taghhom, minn din il-proprjeta li hi tieghi.

6. Hija Anthony Abela li kien wiehed fil-qasma sviluppa l-parti li giet tappartjeni lilu. Il-bicca li qed infittex fuqha hija ma' genb l-art li hija zviluppa.

7. Illi l-pretenzjoni manifesta tal-konvenuti hija li jinkorporaw l-istess art ghall-uzu taghhom, b'mod jew iehor, u li jokkupaw l-art in kwestjoni meta m'ghandhom l-ebda titlu f'din l-okkupazzjoni.

8. Illi min ikollu permess tal-MEPA spiss jemmen li ghandu dritt li jaghmel dak li fassallu l-perit fl-applikazzjoni u kif ikun hareg

il-permess, u jintesa' li kull permess johrog "subject to the right of third parties". Zewgi f'ismi kien ghamel oggezzjoni mal-MEPA, li qalet li ma tidholx fuq l-okkupazzjoni jew titlu tal-art.

9. Ghalhekk qed naghmel din il-kawza.

**Kawzali**

Billi l-konvenuti qed jippretendu li jistghu jaghmlu strutturi fuq bicca art li tinsab fiz-Zejtun, Sqaq privat go Triq l-Isqof Zahra, li hija proprjeta tal-attrici li giet ghandha minghand missierha.

Billi l-konvenuti ottenew permess minghand l-Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar biex jaghmlu bini ma' genb l-istess art, imma qed jippjanaw li jifthu twieqi u aperturi ohra ghal fuq l-istess art u joholqu ukoll access ghall-istess bini bi skapitu tal-art tal-attrici.

Billi b'hekk il-konvenuti qed jippretendu li ghandhom pussess tal-istess art u ghalhekk jistghu jaghmlu uzu minnha kemm ghal holqien ta' access kemm ghal ftuh ta' aperturi ghal fuq l-istess art.

Billi l-attrici ma tridx li tippermetti tali pussess, u li l-konvenuti fattwalment jimpossessaw ruhhom mill-istess art, kif qed jippretendu.

**Talbiet**

Jghidu l-konvenuti ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda pussess legali tal-art li hija tal-attrici li tinsab fi Sqaq Privat fi Triq l-Isqof Zahra,

Zejtun, u li m'ghandhom l-ebda pretenzjoni b'titlu fuq l-istess art, u li l-pussess legali huwa biss tal-attrici.

2. Tordna l-izgumbrament ta' dak li diga' twettaq, u zzommhom milli jwettqu l-pjan li ghandhom li jaghmlu uzu mill-istess art u dan skont xi permess li jista' jkollhom mill-awtoritajiet, inkluz dak li jifthu aperturi ghal fuq l-istess art jew access li necessarjament imiss il-pusssess uniku tal-art tal-istess attrici ,u Izzommhom responsabbli tad-danni tal-okkupazzjoni u tillikwida l-istess u tordna l-hlas favur l-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Victor Fenech li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attrici, l-esponenti ma ghamel l-ebda pussess illegali minn xi art appartenenti lill-istess attrici u f'kull kaz, l-attrici ghandha tipprova illi hija proprjetarja tal-art, oggett tal-kawza;

2. Illi l-esponenti kien xtara plot 16 b'kuntratt tal-20 ta' Ottubru 1994, atti Nutar Dottor Marco Burlo liema plot kienet, skont kif dikjarat fl-istess kuntratt, tikkonfina mill-Lvant ma' "passagg privat li jservi ukoll din il-plot numru 16";

3. Illi l-art in kwistjoni giet zviluppata mill-esponenti f'bini ta' zewg garages, zewg hwienet u zewg flats, skont permess lilu mahrug fit-30 ta' Novembru 1995;

4. Illi b'zewg kuntratti datati rispettivament 24 ta' Gunju 1996 u 5 ta' Lulju 1996, it-tnejn atti Nutar Dottor Mario Bugeja, l-esponenti biegh u ittrasferixxa iz-zewg flats lill-terzi persuni

u ghalhekk illum huwa ma huwiex il-proprjetatju ta' dawn l-appartamenti li dwar l-aperturi taghhom qieghda tillamenta l-attrici, u ghaldaqstant lanqas ma huwa il-legittimu kontradittur;

5. Illi f'kull kaz l-esponenti ma ghandha l-ebda dritt tirreklama l-gheluq tal-aperturi jew l-uzu tal-passagg li jaghti ghal plot numru 16;

6. Illi, ghaldaqstant, id-domandi attrici, kif redatti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt di fronte ghall-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Michael Fenech li taqra kif isegwi:

'Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba s-segwenti ragunijiet;

1. Illi preliminarjament l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car fuq liema bazi hija qeghda isejjes it-talbiet taghha, ossija jekk din hijex kawza pussessorja u/jew kawza petitorja u dan ai termini tal-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gia la darba hemm konfuzjoni bejn dak li tippremetti u dak li qeghda titlob l-attrici.

2. Illi l-esponenti jirrizerva illi jecceppixxi eccezzjonijiet ulterjuri wara li issir id-dikjarazzjoni mehtiega.

3. Illi l-attrici ghandha tipprova it-titolu li hija tippretendi li ghandha fuq l-art u/jew il-passagg in kwistjoni.

4. L-esponenti huwa il-proprjetarju ta' l-art inkluz il-passagg kkreat minnu stess, liema art giet akkwistata permezz tal-kuntratt tal-20 ta' Dicembru 1989 fl-Atti tan-Nutar Pierre Falzon li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, liema art hija mmarkata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa ma' l-istess kuntratt.

5. Illi l-esponenti kien kkrea dan il-passag huwa stess fuq l-art minnu akkwistata u dan sabiex huwa ikollu access aktar komdu ghall-proprjetajiet li huwa bena fuq l-art akkwistata u proprjetajiet ohra tieghu adjacenti ma l-istess art u b'dan huwa l-esponenti biss li oltre t-titolu ghandu ukoll pussess fuq din l-art u/jew passag.

6. Illi l-attrici la hija proprjetarja tal-art, inkluz il-passagg in kwistjoni gia la darba din hija proprjeta unikament ta' l-esponenti, u wisq anqas m'ghandha pussess ta' istess passagg gia la darba hija m'ghandha l-ebda dhul u/jew aperturi ohra u/jew servizzi li jaghtu ghall-fuq il-passagg u effetivament m'ghandha xejn li b'xi mod jew iehor jindika li hija ghandha xi forma jew ohra ta' pussess fuq l-istess passagg.

7. Illi l-art u/jew passag passagg proprjeta ta' l-esponenti u l-art ta l-attrici huma divizi b'hajt divizorju li m'ghandu l-ebda apertura u/jew dhul fuq il-passagg u b'dan l-istess hajt jindika b'mod car u inekwivoku li l-passagg huwa proprjeta ta' l-esponenti u li l-attrici la ghandha pussess u lanqas titolu fuq l-istess art u dan kif johrog mir-ritratt Dok B anness.

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anki kieku dato ma non non concesso l-attrici kellha xi forma ta' pussess fuq l-

art/passagg in kwistjoni, haga li hija certament m'ghandiex, hija xorta wahda ma tistax twaqqaf lill-esponenti milli jiftah aperturi u/jew dhul jew access iehor fuq l-art/ passagg proprjeta tieghu u dan stante illi bil-ftuh ta' tali aperturi dhul jew access il-pussess li l-attrici tippretendi li gahndha fuq l-art/passagg in kwistjoni m'huwiex ser jonqos jew jigi pregudikat imma ser tkun tista' tibqa' taghmel l-istess uzu li issa b'mod infondat tippretendi li tista taghmel.

9. Ghall-kull bon fini jigi dikjarat illi il-passagg in kwistjoni huwa wiesgha circa tnax il-pied u ghalhekk kull apertura u/jew access li l-esponenti fetah u/jew ser jiftah fil-proprjeta tieghu ghall-fuq il-passagg proprjeta tieghu ukoll ser ikun entro l-limiti impost mill-Artikolu 443(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi t-talbiet attrici huma preskiriti ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta gia la darba l-esponenti ilu jipposjedi l-art in bona fede ghall-oltre 10 snin minghajr ma' l-attrici jew ante-kawza taghha qatt pprendew xi jedd, pussess, jew servitu fuq l-istess art.

11. Illi t-talbiet attrici huma ukoll preskriti ai termini ta' l-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Illi in oltre it-tieni talba attrici ghall-hlas tad-danni hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt gia la darba l-attrici la ghandha pussess u wisq anqas titolu fuq l-art/passagg in kwistjoni.

13. Illi t-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni hija ukoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, kuntratti, pjanti, permessi, ritratti, decizjoni, aerial photos, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' April, 2016 Dr Joseph Brincat b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat Michael Fenech iddikjara li l-kawza odjerna hija kawza ta' natura petitorja;

Rat in-nota tar-rikorrenti Maria Dolores Debono ntavolata nhar it-12 ta' Mejju, 2016 (fol. 81) b'referenza ghar-raba' (4) eccezzjoni ssollevata mill-intimat Victor Fenech fejn permezz taghha ddikjarat li stante li l-flats li ghandhom it-twieqi jaghtu ghal proprjeta' reklamata mill-istess rikorrenti mhijiex qieghda tinsisti ghat-talba dwar l-gheluq tat-twieqi pero' tirriserva l-posizzjoni taghha fil-konfront ta' l-akwirenti l-gdid li mhuwiex wiehed mill-konvenuti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-26 ta' Settembru, 2017 (fol. 125) fejn permezz tieghu insegwitu ghal xoghlijiet tal-intimat Michael Fenech fejn ghalaq il-passagg illi kien hemm liberu b'hajt li jaghti ghal Triq l-Isqof Anton Zahra, Zejtun talbet li l-Qorti joghgobha tordna z-zieda tal-annessi kawzali u talba fil-konfront tal-istess intimat Michael Fenech u dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rat ir-risposta tal-intimat Michael Fenech intavolata nhar l-14 ta' Novembru, 2017 (fol. 129) u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti nhar id-19 ta'

Dicembru, 2017 fejn ghar-ragunijiet premessi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat ir-rikors tal-intimat Michael Fenech intavolat nhar it-23 ta' Jannar, 2020 a fol. 227 tal-process fejn permezz tieghu talab li l-Qorti joghgobha tordna l-allegazzjoni ma' din il-kawza tal-atti tal-mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet Victor Fenech et -vs- Michael Fenech u Maria Dolores Debono mart Carmel -vs- Michael Fenech, rat ir-risposta tal-intimat Victor Fenech ntavolata nhar il-21 ta' Lulju, 2020 a fol. 229 u rat id-digriet tal-Qorti tad-29 ta' Lulju, 2020 a fol. 231 tal-process fejn laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjonijiet mitluba;

Rat l-atti tal-mandati ta' inibizzjoni allegati mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' Gunju, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jiprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Maria Dolores Debono tippremetti li hija proprjetarja ta' bicca art li tinsab fiz-Zejtun, Sqaq privat fi Triq l-Isqof Zahra akwistata minnha b'wirt minghand missierha Filomeno Abela. Ir-rikorrenti tispjega li l-gvern kien ghamel progett sabiex jghaddi triq minn tarf sa tarf tal-proprjeta' pero' naqqas parti sostanzjali minnha. Issostni li l-intimati qeghdin jippretendu li jokkupaw u jaghmlu zvilupp minn l-art

taghha u dan bil-bini li diga′ sar u li l-intimat Michael Fenech behsiebu jkompli, bil-holqien ta′ access u kif ukoll bil-ftuh ta′ twieqi u dan meta m′ghandhom l-ebda titolu f′din l-okkupazzjoni. Ir-rikorrenti Debono ssostni li ghalhekk kellha tipprocedi b′din il-kawza fejn qed titlob li jigi dikjarat li l-intimati m′ghandhom l-ebda pussess legali tal-art li hija taghha fi Sqaq privat fi Triq l-Isqof Zahra, Zejtun u m′ghandhom l-ebda pretensjoni b′titolu fuq l-istess art u li l-pussess legali huwa biss tar-rikorrenti. Titlob ukoll li l-Qorti tordna l-izgumbrament ta′ dak li diga twettaq, u li zzomm l-intimati milli jwettqu l-pjan li ghandhom li jaghmlu uzu mill-istess art u dan skont xi permess li jista′ jkollhom mill-awtoritajiet, inkluz dak li jifthu aperturi ghal fuq l-istess art jew access li necessarjament imiss mal-pussess uniku tal-art taghha u zzommhom responsabbli tad-danni tal-okkupazzjoni u tillikwida l-istess u tordna l-hlas favur ir-rikorrenti.

Illi l-intimat Victor Fenech fir-risposta guramentata tieghu ntavolata nhar id-9 ta′ Frar, 2016 fl-ewwel lok jeccepixxi li kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, huwa m′ghamel l-ebda pussess illegali minn xi art appartenenti lir-rikorrenti u f′kull kaz ir-rikorrenti ghandha tipprova li hija l-proprjetarja tal-art oggett tal-kawza. L-intimat jispjega li huwa kien xtara plot bin-numru 16 b′kuntratt tal-20 ta′ Ottubru, 1994 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo liema plot kienet skont kif dikjarat fl-istess kuntratt tikkonfina mill-lvant ma′: ′passagg privat li jservi ukoll din il-plot numru 16′. Jghid li din l-art bin-numru 16 giet zviluppata minnu f′bini ta′ zewg garages, zewg hwienet u zewg flats skont permess lilu mahrug fit-30 ta′ Novembru, 1995. Jkompli jghid li b′zewg kuntratti datati rispettivament 24 ta′ Gunju, 1996 u 5 ta′ Lulju, 1996 t-tnejn fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja huwa biegh u trasferixxa z-zewg flats lil terzi persuni u ghalhekk huwa llum m′huwiex il-proprjetarju ta′ dawn l-appartamenti l-aperturi

taghhom huma parti mill-ilment tar-rikorrenti u ghalhekk lanqas ma huwa l-legittimu kontradittur. L-intimat Victor Fenech eccepixxa wkoll li f'kull kaz ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt tirreklama l-gheluq tal-aperturi jew l-uzu tal-passagg li jaghti ghal plot 16. Finalment eccepixxa li ghaldaqstant id-domandi rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu.

Illi l-intimat Michael Fenech fir-risposta guramentata tieghu ntavolata nhar il-11 ta' Frar, 2016, preliminarjament eccepixxa li r-rikorrenti ghandha tiddikjara b'mod car fuq liema bazi qieghda issejjes it-talbiet taghha ossia jekk din hijiex kawza possessorja u/jew petitorja u dan ai termini tal-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba hemm konfuzjoni bejn dak li tippremetti u dak li qieghda titlob ir-rikorrenti. L-intimat eccepixxa wkoll li r-rikorrenti ghandha tipprova t-titolu li hija tippretendi li ghandha fuq l-art u/jew fuq il-passagg in kwistjoni. Sostna li huwa l-proprjetarju tal-art inkluz il-passagg li gie kkreat minnu stess liema art giet akwistata minnu permezz ta' kuntratt tal-20 ta' Dicembru, 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon. L-intimat spjega li huwa kkrea dan il-passagg fuq l-art akwistata minnu sabiex ikollu access aktar komdu ghall-proprjetajiet li huwa bena fuq l-art akwistata u proprjetajiet ohra tieghu adjacenti ma' l-istess art u b'dan huwa biss oltre t-titolu ghandu wkoll l-pussess tal-art u/jew passagg. L-intimat eccepixxa li r-rikorrenti mihiex il-proprjetarja tal-art nkluz il-passagg la darba din hija proprjeta' unikament tieghu u wisq anqas m'ghandha l-pussess tal-istess passagg gialadarba hija m'ghandha l-ebda dhul u/jew aperturi ohra u/jew servizzi li jaghtu ghal fuq il-passagg u effettivament m'ghandha xejn li b'xi mod jew iehor jindika li hija ghandha xi forma jew ohra ta' pussess fuq l-istess passagg. Fis-seba' eccezzjoni l-intimat jghid li l-art u/jew passagg proprjeta' tieghu u l-art tar-rikorrenti huma divizi b'hajt divizorju li m'ghandu l-ebda

aperturi u/jew dhul fuq passagg u b'dan l-istess hajt jindika b'mod car u inekwivoku li l-passagg huwa proprjeta' tieghu u li r-rikorrenti la ghandha l-pussess u lanqas titolu fuq l-istess art. Fit-tmien eccezzjoni jeccepixxi li anke *dato ma non concesso* li r-rikorrenti kellha xi forma ta' pussess fuq l-art/passagg in kwistjoni, hija xorta wahda ma tistax twaqqfu milli jiftah aperturi u/jew dhul jew access iehor fuq l-art/passagg proprjeta' tieghu u dan stante li bil-ftuh ta' aperturi dhul jew access il-pussess li r-rikorrenti tipretendi li ghandha fuq l-art/passagg in kwistjoni m'huwiex ser jonqos jew jigi pregudikat pero' tkun tista tibqa taghmel l-istess uzu li issa b'mod infondat tippretendi li ghandha. L-intimat iddikjara li l-passagg huwa wiesgha cirka tnax (12) il-pied u ghalhekk kull apertura u/jew access li huwa fetah u/jew ser jiftah fil-proprjeta' tieghu ghal fuq il-passagg proprjeta' tieghu ukoll ser ikun entro l-limiti mposti mill-Artikolu 443(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala l-ghaxar eccezzjoni tieghu eccepixxa li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta gjaladarba huwa ilu jokkupa l-art in bona fede ghal aktar minn ghaxar (10) snin minghajr ma' r-rikorrenti jew l-ante-kawza taghha qatt ippretendew xi jedd, pussess jew servitu' fuq l-istess art. Eccepixxa wkoll li t-talbiet attrici huma preskritti fit-termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar it-tieni talba ghall-hlas tad-danni eccepixxa li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt gialdarba r-rikorrenti la ghandha pussess u wisq anqas titolu fuq l-art/passagg in kwistjoni. Eccepixxa ulterjorment li t-talbiet ghall-likwidazzjoni tad-danni hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Preskrizzjoni:**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tqis li huwa opportun li jigu trattati l-eccezzjonijiet relatati mal-preskrizzjoni (eskluzi dawk relatati mad-danni li jigu trattati aktar il-quddiem f'kaz li l-Qorti tkun ser takkorda danni) u dan ghaliex fl-eventwalita' li jirrizulta li l-azzjoni attrici hija preskritta, l-Qorti ma jkolliex ghaliex tinoltra oltre fl-ezami tal-eccezzjonijiet l-ohra u tghaddi sabiex tichad it-talbiet rikorrenti.

**(i) L-ghaxar eccezzjoni tal-intimat Michael Fenech – it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi l-intimat Michael Fenech fl-ghaxar (10) eccezzjoni tieghu jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa ilu jippossjedi l-art in bona fede ghal oltre ghaxar (10) snin minghajr ma' r-rikorrenti jew l-antekawza taghha qatt pretendew xi jedd, pussess jew servitu' fuq l-istess art.

Illi l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> '(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha.
>
> (2) Jekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att.'.

Illi l-Qorti tinnota li t-titolu fuq l-art mertu tal-kawza odjerna tal-intimat Michael Fenech gej mill-kuntratt tal-20 ta' Dicembru, 1989

fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon. Kif stabbilit fis-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta z-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi hlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att. Mill-atti jirrizulta li l-kuntratt t'akkwist tal-intimat gie insinwat billi fl-atti gie prezentat vera kopja tal-kuntratt awtentikat mill-Arkivist ghan-Nutar Konservatur a fol. 45 et seq tal-process. Madanakollu l-Qorti rat li fl-atti ma tressqet l–ebda prova dwar id-data tal-insinwar tal-kuntratt relattiv b'dana li hija ghalhekk nieqsa mill-atti l-bazi li fuqha din il-Qorti tkun tista' tibda tghodd it-trapass tal-ghaxar snin preskrizzjoni pretizi. Ghaldaqstant ghal din ir-raguni l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

**(ii) Il-hdax il-eccezzjoni tal-intimat Michael Fenech – l-azzjoni hija wkoll preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi fil-hdax il-eccezzjoni l-intimat eccepixxa li t-talbiet attrici huma wkoll preskritti ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet reali, personali u misti jaqra illi:

> 'L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'.

Dan l-artikolu ghandu jinqara konguntivament mal-Artikolu 2107 sub-artikolu 1 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> '(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi.'.

Dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, din il-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet **Lawrence Zammit Haber -vs- Joan Zammit Haber et** deciza nhar il-21 ta' April, 2015 irrilevat illi:

> *'Il-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali tippresupponi pussess legittimu ta' tletin sena. Il-pussess ghandu jkun materjali u ntenzjonali, jigifieri l-intenzjoni tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju. Minbarra dan, il-pussess necessarju ghal din it-tip ta' preskrizzjoni jrid ikun ukoll wiehed legittimu kif jinghad fl-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:*
>
> *'(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.'*
>
> *Id-difensur tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jiccita lil Laurent dwar it-tifsira ta' kull rekwizit kif isegwi:*
>
> *1. <u>pussess kontinwu:</u> "Il possesso dev'essere continuo, nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli. ...... Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possessore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del*

*proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompe la prescrizione che corre contro di lui." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 275);*

2. <u>pussess mhux miksur:</u> *"Il possesso e' interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L'interruzione produce l'effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all'interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra' invocarsi il possesso futuro." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 278);*

3. <u>pussess pacifiku:</u> *"La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo' esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un'azione giudizziaria ..... la turbativa di fatto ..... si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario tenta di espellere il possessore." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 281);*

4. <u>pussess pubbliku:</u> *"Il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 286);*

5. <u>pussess mhux ekwivoku:</u> *"Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio, da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto." (Laurent, Diritto Civile, op. cit. # 290).'.*

Illi mill-atti jirrizulta li l-intimat Michael Fenech isostni li huwa akwista l-art mertu tal-kawza odjerna permezzz ta' kuntratt ntratt tal-20 ta' Dicembru, 1989 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (fol. 45) u ghalhekk dahal fil-pussess tal-istess art minn dakinhar tal-kuntratt tal-20 ta' Dicembru, 1989. Il-kawza odjerna giet intavolata nhar il-21 ta' Jannar, 2016 u ghalhekk huwa car li l-element taz-zmien m'huwiex sodisfatt billi l-perijodu ta' tletin (30) sena sa meta giet intavolata l-kawza kien ghadu ma ddekorriex. Fid-dawl ta' dak

suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali.

Ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni msemmija ser jigu michuda.

**Titolu tar-rikorrenti:**

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Victor Fenech jeccepixxi li r-rikorrenti ghandha tipprova li hija l-proprjetarja tal-art oggett tal-kawza odjerna. L-intimat Michael Fenech fit-tielet eccezzjoni wkoll eccepixxa li r-rikorrenti trid tipprova t-titolu li hija tippretendi li ghandha fuq l-art u/jew il-passagg in kwistjoni.

Ir-rikorrenti sabiex tilqa' ghal din l-eccezzjoni tat-titolu ressqet f'dan ir-rigward bhala prova id-dokumentazzjoni segwenti:

1. Kuntratt ta' xiri tal-art mertu tal-kawza odjerna ta' missierha Filomeno Abela minghand Francesco Sammut datat 12 ta' Novembru 1950 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard (fol. 59). Minn qari ta' dan il-kuntratt jirrizulta li Filomeno Abela xtara u akwista mhux biss bicciet ta' art fabbrikabbli, izda wkoll l-art li fuqhom kien hemm progettatti toroq. Fil-kuntratt inghad is-segwenti:

> '…l-utili dominju perpetwu u benefikati konsistenti f'kamra li l-imsemmi Filomeno Abela behsiebu iwaqqa – ta' porzjoni minn sit fabbrikabili iz-Zejtun, f-Saint Angelo Street, denominat "tal-Manzel" konsistenti fi tliet bicciet art wahda minnhom b-faccata fuq l-imsemmija Saint Angelo Street tal-kejl ta mija u tmien qasab quadri u zewg terzi ta qasba kwadra (108 2/3 q.q.) tmiss mil vant ma li stess Saint Angelo

Street, mit-tramuntana ma beni ta' Filomena Busuttil, minn nofsinhar ma beni ta Carmelo Sammut u mil punent ma trieq progettata, ohra li hija separata mil biccia art fuq deskritta – minn l-imsemmija trieq progettata tal-kejl ta mija u seba' u sebghin qasab quadri u zewg terzi ta' qasba quadra (177 2/3.q.q.) tmiss mil vant ma li stess imsemmija trieq progettata, mit-tramontana in parti ma beni tal imsemmi Carmelo Sammut u in parti ma beni tal eredi ta Carmelo Grech, minn nofsinhar ma beni tal imsemmi Carmelo Sammut u mil-punent ma trieq progettata ohra u il biccia art l-ohra li hiha separata mil biccia art deskritta aktar il fuq fit-tieni lok minn l-imsemmija trieq progettata ohra tal-kejl ta' erba' u ghoxrin qasba quadra u hames sesti ta' qasba quadra (24 5/6 q.q.) tmiss mil vant ma l-imsemmija trieq progettata ohra, minn nofsinhar ma beni ta' l-imsemmija Carmelo Sammut u mil punent ma beni ta Consiglio u Grazio Bonnici – kif deliniata l-imsemmija porzjoni kollha ta' sit fabrikabbli bil-kulur isfar fil-pjanta hawn annessa markata "A" fejn l-imsemmija tliet bicciet huma immarkati irrispettivament bin-numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3) u kif soggetta li stess imsemmija porzioni kollha ta' sit fabbrikabili ghac-cens … F'dan il bejgh huma komprisi ukoll li strixxi tat toroq fuq progettati li qedin bejn il bicciet art kif fuq descritti u ghalldaqstant il kompratur qed jassumi fuqu kull dritt u kull obbligu in connessioni ma li stess toroq jew strixxi ta' toroq ma qualunque awtorita' kompetenti.'.

Illi mal-imsemmi kuntratt giet esebita pjanta li turi l-art akwistata minn Filomeno Abela ndikata bil-kulur isfar immarkati bl-ittri u n-numri A(1), A(2) u A(3). Il-Qorti sejra tiproduci l-pjanta li giet annessa mal-kuntratt u dan ghal ahjar intendiment.




Minn dak li jirrizulta mill-kuntratt imsemmi l-art bejn il-porzjonijiet u li giet deskritta fil-kuntratt bhala 'strixxi ta' toroq' giet ukoll akwistata wkoll minn Filomeno Abela. Dan izda l-Qorti fehmet li huwa limitat ghal dawk l-istrixxi ta' toroq li jigu bejn l-art immarkata bl-isfar akkwistata u mhux oltre minn hekk.

2. Decizjoni tal-Prim'Awla datata 21 ta' April, 1961 fl-ismijiet Salvatore Sammut et -vs- Filomeno Abela deciza mill-Imhallef Alberto Magri a fol. 64 et seq tal-process. Minn ezami ta' din id-decizjoni jirrizulta li l-kawza kienet proprju fuq l-art/passagg in kwistjoni u dan billi Filomeno Abela kien cekken l-passagg rizultat li kien bena hajt. F'dik id-decizjoni l-Qorti kienet ordnat li dan il-hajt ghandu jitnehha, filwaqt li ma varjat xejn fir-rigward il-proprjeta' tal-istess art kif isegwi:

'Illi, jekk stess il-Gvern ma' jaghmilx hu dina t-trieq, l-atturi intitolati, kif gia esprimew ruhhom, illi jaghmluha huma, u dana in forza tad-dritt lilhom derivanti mid-divizjoni "de quo" sabiex jirrendu accessibili l-porzjonijiet lilhom pervenuti u ghal dana ma' jistghax jopponi l-konvenut li, skond ma' xehed (fol. 45) sa minn qabel ma xtara, mar fuq il-post, ra s-sinjali tal-hadid li kienu u ghadhom jindikaw kif kienet gejja t-trieq skond il-pjanta li kien ikunsinnalu l-attur Francesco Sammut (esebita a fol. 36); u fit-trattativi dana Sammut kien qallu li kien ser jbieghlu bit-toroq kollha, gid u deni ghalih (fol. 44), u fil-fatt hekk ukoll xtara il-konvenut. Issa la' darba t-trieq jew moghdija in kwistjoni sservi ghall-porzjonijiet tal-ghalqa posseduti mill-atturi, il-konvenut ma' jistax jinqeda biha kontra l-interess tal-kommunjoni jew b'mod li ma' jhallix lill-komproprietarji l-ohra li jinqdew biha skond il-jeddijiet taghhom (art. 528(3) Kod. Civ.) – kif precizament ghamel il-konvenut bil-kostruzzjoni "de quo" li rrendiet dik il-moghdija idjeq milli kienet u inaccessibili ghall-passagg bil-karettun – haga dina li ma tidhirx kontestata mill-konvenut; u konsegwentement it-tieni domanda tal-atturi tinsab sostnuta;'.

3. Kuntratt datat 3 ta' Marzu, 2018 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel (fol. 166) bejn Joseph u Antonia konjugi Fenech u Joseph ahwa Sevasta u min-naha l-ohra Francis u martu Karin Dingli fejn tal-ahhar xtraw u akwistaw porzjoni diviza minn giardina maghrufa bhala 'Tal-Munzell' bil-kamra li tinsab fiha accessibbli minn drive-in privat li jizbokka fi Triq l-Isqof Antonio Zahra, Zejtun. Mal-imsemmi kuntratt giet ipprezentata pjanta li fiha jidher l-art mertu tal-kawza odjerna u l-passagg li minnu ghandhom dritt jghaddu l-konjugi Dingli (fol. 172).

4. Survey sheet bin-numru 5668 tal-1967 mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar (fol. 173) fejn ir-rikorrenti tiddikjara li fuqha jidher car il-passagg u ghalhekk fis-sena 1967 il-passagg kien gia ffurmat u kien jintuza minn missierha Filomeno Abela billi ma kellux access iehor minn fejn jidhol ghal gnien. Ir-rikorrenti timmarka bi vlegga l-passagg li minnu kien jghaddi missierha Filomenu Abela.

5. Pjanta mill-Awtorita' tal-Ippjanar datata 14 ta' Novembru, 2018 (fol. 174) fejn minnha jidher il-passagg in kwistjoni kif inhu llum. Ir-rikorrenti mmarkat bl-ahdar il-gnien.

6. Ritratt mehud fis-sena 1982 fejn jidher parti mill-hajt li kien ghamel Filomeno Abela fuq wara tal-hajt li jidher fuq quddiem li mix-xhieda rrizulta li huwa l-hajt li kien jifred il-bqija tal-art minn ma triq li llum gie ffurmata liema hajt mhux dak imsemmi fil-kawza deciza fis-sena 1961 (fol. 80 tal-process). Taht il-bandiera jidher il-bieb li jigi fuq wara tal-gnien tar-rikorrenti u li minnu wiehed johrog ghal fuq il-passagg in kwistjoni.

Ir-rikorrenti Maria Dolores Debono tul il-process xehdet kemm il-darba permezz ta' affidavit a fol. 55 et seq u a fol. 100 et seq tal-process. Fix-xhieda taghha (fol. 55) tghid li din l-art mertu tal-kawza odjerna kienet giet ghandha insegwitu ghal kuntratt finali ta' divizjoni ta' wirt bejnha u bejn hutha datat 23 ta' Gunju, 2008 fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco. Dan xehed fuqu wkoll huwha Anthony Abela li xehed bl-affidavit a fol. 57 et seq tal-process:

*'Meta fit-23 ta' Gunju 2008 saret id-divizjoni finali tal-wirt bejn l-ahwa ghand in-Nutar Philip Lanfranco, ohti Maria Dolores messha l-gnien u sussegwentement il-parti tat-triq li tmiss mal-gnien u li giet mixtrija minn missieri bl-istess kuntratt tal-1950. Jiena messni l-bicca art l-ohra*

*flimkien mat-triq li kienet progettata u li tmiss ezatt mal-propjeta' ta' ohti Maria Dolores u fil-fatt bnejtha.'*.

Ir-rikorrenti resqet ukoll bhala xhud lil zewgha Carmel Debono li wkoll xehed kemm il-darba bl-uzu tal-affidavit a fol. 108 et seq, fol. 162 u fol. 165 tal-process. Ix-xhud ikkonferma li l-art ghaddiet ghand martu r-rikorrenti Maria Dolores Debono b'wirt minghand missierha.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel reference ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata s-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet **Emanuel Cauchi -vs- George Grech et** fejn gew elenkati diversi punti li ghandhom jigu osservati fl-*actio rei vindicatoria* kif isegwi:

> '9. Fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li għandu raġun il-konvenut ghandu ragun jilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta iriteniet li ladarba huwa fl-eċċezzjonijiet tiegħu ivvanta titolu fuq l-art inkwistjoni, allura sta għalih (il-konvenut) fl-ewwel lok li jipprova t-titolu tiegħu. Il-ġurisprudenza nostrana adirittura tgħallem il-kontra ta' dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Huwa dejjem l-attur li fl-ewwel lok irid jipprova t-titolu tiegħu, kemm jekk il-konvenut possessur ikun iddefenda ruħu bil-pussess, u kemm jekk ikun invoka t-titolu fuq l-art mertu tal-azzjoni. Din il-qorti fil-fatt tagħmel riferenza għas-segwenti insenjament tal-qrati tagħna:
>
> - L-attur f'kawża rivendikatorja jrid jipprova d-dritt tiegħu ta' proprjeta` fuq il-ħaġa rivendikata u tali prova trid tkun kompleta u konklussiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-

iċken, imur favur il-konvenut possessur.[1]

- Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobbli għandu d-dover li qabel xejn jipprova l-proprjeta` tiegħu. Il-konvenut f'din l-azzjoni ma għandux għalfejn jiftaħ ħalqu sakemm issir il-prova u jekk dik il-prova ma ssirx huwa għandu jirbaħ il-kawża......Jekk lill-Qorti jidher li hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta` tar-rivendikant, hija għandha ssostni lill-possessur.[2]

- Darba li l-attur jipprova t-titolu tieghu, spetta lill-konvenut jipprova xi titolu ahjar. Ladarba l-attur jissodisfa l-piż tal-prova billi juri t-titolu tiegħu, jinkombi lill-konvenut li jikkontrapponi, permezz ta' provi ċari, uniċi u indubbi, it-titolu proprju.[3]

- Meta jissussisti xi dubju dwar it-titolu reklamat mill-attur, il-qorti ma jinħtiġilhiex tidħol fl-eżami tal-allegat titolu tal-konvenut għaliex f'dik l-eventwalita` xejn ma jkun ifisser li l-konvenut ma jipprova bl-ebda mod la t-titolu, la bil-preskrizzjoni u lanqas mod ieħor li hu l-proprjetarju. Una volta dubju dwar it-titolu tal-attur ma jeżistix, jikombi fuq il-konvenut li jaddotta linja difensjonali adegwata u b'saħħitha biex jinnewtralizza t-titolu pruvat tal-atturi rivendikanti billi jopponi għalih b'titolu b'saħħtu u ċert.[4]

- Jekk l-attur ma jippruvax it-titolu tiegħu m'hemmx lok li l-qorti tgħaddi biex teżamina l-provi tal-konvenut li hu jkun

---

[1] **Mario Galea Testaferrata et v. Giuseppi Said et** (Q. App. 1 ta' Lulju 2005)

[2] **Perit Carmelo Falzon v. Alfred Curmi** (Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995)

[3] **Cassar noe v. Barbara et** (Q. App. –Sede Kumm. - 7 ta' Ottubru 1980)

[4] **Nancy Mangion et v. Albert Bezzina Wettinger** (Q. App. 5 ta' Ottubru 2001)

ressaq biex jipprova t-titolu tiegħu.[5]

10. L-ewwel Qorti naqset għal kollox milli teżamina t-titolu vantat mill-attur. Hija eżaminat it-titolu vantat mill-konvenut, dehrilha li dan ma ġiex pruvat u għalhekk awtomatikament u konsegwentement ikkonkludiet li l-attur ipprova t-titolu tiegħu! Dan huwa skorrett għall-aħħar u għalhekk l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa ampjament fondat.'.

Illi applikati l-insenjament suesposti ghall-kaz odjern il-Qorti tqis li r-rikorrenti Maria Dolores Debono pprezentat prova sufficjenti li missierha Filomeno Abela kien verament akkwista u sar proprjetarju ta' porzjon art fi Sqaq privat go Triq l-Isqof Zahra, Zejtun u cioe' dik li tigi bejn il-porzjonijiet A mmarkati fl-isfar akkwistati minnu permezz tal-istess kuntratt. Madanakollu l-Qorti tqis li r-rikorrenti Maria Dolores Debono naqset milli tipprezenta prova konkreta u konklussiva li din l-art effettivament hija proprjeta' taghha u ghaddiet f'idejha permezz ta' wirt hekk kif allegat fl-affidavit taghha. Il-minimu li kellha taghmel ir-rikorrenti kien li tesebixxi kopja tal-att ta' divizjoni bejn l-ahwa li skontha sar nhar il-23 ta' Gunju, 2008 fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco – haga li izda hija m'ghamlitx. Il-Qorti ma tistax tiddikjara li l-art effettivament hija tar-rikorrenti meta l-aqwa prova fir-rigward ma ngabitx fl-atti, omissjoni li hija pjuttost suspettuza f'mohh din il-Qorti stante li s-success tal-kaz tar-rikorrenti jiddependi ferm fuq dan l-allegat dokument. Id-dubju jiprevali aktar f'mohh il-Qorti la darba rrizulta wkoll li r-rikorrenti tiddetjeni partijiet mill-fond taghha permezz ta' titoli diversi w'ghalhekk kellha toqghod ferm aktar attenta li quddiem din il-

[5] **Norbert Agius v. Anthony Vella et** (Q. App. 25 ta' April 2008)

Qorti tressaq prova tad-dokument pubbliku li permezz tieghu hija allegatament giet assenjata dan il-passagg.

Illi dwar il-pussess il-Qorti tqis li fl-atti odjerni r-rikorrenti rnexxielha tressaq prova ta' pussess tal-passagg in kwistjoni stante l'ezistenza ta' bieb li mill-gnien taghha jaghti ghal fuq dan il-passagg izda ma tressqitx prova konklussiva dwar id-dritt reali pretiz minnha fuq l-istess passagg.  Anki fir-rigward tal-pussess, mill-atti dan ma jirrizultax li kien pussess uniku favur ir-rikorrenti izda kien pussess godut minn diversi nies kontemporaneament, partikolarment rapprezentanti f'jedd ta' passagg.  Il-Qorti tqis izda li dawn l-argumenti kienu biss ikollhom sahha li kieku l–kaz odjern kien wiehed possessorju u mhux petitorju.

Dan premess, ir-rikorrenti naqset ukoll milli tipprova l-estent tal-art li qed tigi deskritta bhala formanti l-allegat passagg. Ghalkemm fl-atti jissemma ghal aktar minn darba l-qies ta' 13 il-pied, effettivament dan il-qies ma jirrizulta sorrett minn ebda dokument ufficjali, billi la jirrizulta mill-kuntratt tat-12 ta' Novembru, 1950 u lanqas mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-21 ta' April, 1961.  Kien biss l-intimat Victor Fenech li fix-xhieda tieghu semma dan il-kejl izda ma ndikax minn fejn johrog.

Illi fid-dawl ta' dak suespost, gialadarba l-Qorti ma tqisx li gie pruvat it-titolu tar-rikorrenti Maria Dolores Debono sal-grad rikjest mil-ligi, w'ghalhekk ma giex sodisfatt dan ir-rekwizit sabiex tirnexxi l-kawza petitorja sostnuta minnha, l-Qorti hija prekluza milli tinoltra oltre ruhha fil-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti.  Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Victor Fenech u t-tielet eccezzjoni tal-intimat Michael Fenech u konsegwentament tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mill-intimat Michael Fenech fit-termini tal-artikoli 2140 u 2143 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Victor Fenech u t-tielet eccezzjoni tal-intimat Michael Fenech stante li r-rikorrenti ma pruvatx it-titolu taghha sal-grad rikjest mil-ligi u konsegwentament tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha rikorrenti.

Bl-ispejjez relatati mal-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni michuda kontra l-intimat Michael Fenech, il-bqija tal-ispejjez interament a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' April, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April, 2023**